

# Aħbar Tajba

Ġer 20, 7-9
S 62 (63), 2.3-4.5-6.8-9
Rum 12, 1-2
Mt 16, 21-27

"Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu, u jimxi warajja...
**Għax xi jkun jiswielu l-bniedem jekk jikseb id-dinja kollha u mbagħad jitlef ħajtu?"**

Qatt tant ridt xi ħaġa li għamilt minn kollox biex takkwistaha? Tant tkun tridha li tkun lest tagħmel kull tip ta' sagrifiċċju biex takkwistaha. Illum se nitkellmu fuq tifel li kien jismu Ben. Propjament Ben kellu ismu ftit itwal... Benjamin Franklin. Forsi ġieli smajtu bih għax kien wieħed mill-imħuħ kbar li ħadmu biex jibdew l-Istati Uniti tal-Amerka. Però meta kien għadu tifel kulħadd kien jafu bħala Ben.

Kien għad kellu xi seba' snin biss meta xi tfal ħbieb tiegħu tawh xi flus biex jixtri dak li xtaq l-aktar. Tant tawh flus bejniethom li mlewlu l-bwiet. Ta' tifel li kien baqa' sejjer dritt għand ħanut li jbigħ il-ġugarelli. Imma fit-triq jara tifel li kellu suffara f'idu li kultant ħin kien qed jonfoħ fiha. Ben tant għoġbitu din is-suffara li mar fuq dan it-tifel u talbu s-suffara. Tant ried is-suffara li saħansitra offrielu l-flus kollha li kellu fil-but. It-tifel tas-suffara ma kienx iblah u tah is-suffara li kellu għall-flus li kellu Ben!

Ben tgħidx kemm kien kuntent u mar id-dar isaffar is-suffara u juriha lil ħutu u 'l ommu. Meta staqsewh minn fejn kien ġab is-suffara, Ben spjegalhom l-istorja kollha. Tgħidx kemm daħku bih meta spjegawlu li bil-flus li kellu seta' xtara xi kaxxa sfafar bħal dik! Min-naħa tiegħu Ben ħass li kien ġie misruq u ddispjaċih ħafna. Kien induna li ħallas prezz wisq għoli għal dak li xtaq. Minn dakinhar 'il quddiem, Ben, meta kien jara lil xi ħadd li għamel għażla ħażina għall-ħajja tiegħu, ħafna kienu jisimgħuh jgħid l-espressjoni: "Ħallas prezz għoli wisq għas-suffara tiegħu!" Qatt ġralek bħal Ben?

Hemm diversi tfal li biex ikunu popolari ma' sħabhom ikunu lesti li jagħmlu minn kollox biex jaċċettawhom fil-grupp. Lesti li anki jieqfu jagħmlu affarijiet tajba li kienu jagħmlu huma stess bħala familja u li tant kienu jieħdu gost bihom. Forsi lesti anki jagħmlu affarijiet mhux tant xierqa. Hemm oħrajn li biex jirbħu, ikunu lesti li jagħmlu minn kollox waqt li oħrajn, biex idaħħqu jkunu pronti jwaqqgħu lil xi ħadd għaċ-ċajt. Issib min għalihom il-gost jiġi l-ewwel u qabel kollox u jqattgħulek sajf jigru 'l hawn u 'l hemm mingħajr ħsieb li l-ħin jgħaddi u ser tkompli r-rutina tal-iskola u l-istudju.

Bħal Ben ikunu qed jagħmlu għażla ħażina u jħallsu prezz għoli għas-suffara! Għalhekk ejjew fil-jiem li ġejjin nitolbu lil Ġesù jgħinna fl-għażliet tagħna.

## Sib il-Kelma

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.** ĠERUSALEMM, ISOFRI, QASSISIN, KITTIEBA, JOQTLUH, IQUM, PIETRU, JLUMU, XITAN, TFIXKIL, ĦWEJJEĠ, ALLA, TAĦSIBHA, BNIEDEM

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| N | A | Z | A | R | E | T | Ġ | O | B |
| B | N | IE | D | E | M | M | E | N | T |
| T | R | I | D | P | IE | T | R | U | A |
| Ħ | A | M | K | T | R | O | U | W | Ħ |
| W | Ħ | X | I | T | A | N | S | L | S |
| E | D | A | T | J | W | R | A | S | I |
| J | O | Q | T | L | U | H | L | M | B |
| J | R | A | IE | U | Ċ | R | E | T | H |
| E | M | S | B | M | A | N | M | A | A |
| Ġ | S | S | A | U | S | T | M | U | R |
| A | M | I | F | M | A | L | L | A | W |
| N | A | S | T | F | I | X | K | I | L |
| P | L | I | S | O | F | R | I | N | A |
| K | O | N | I | Q | U | M | G | I | S |




"Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu, u jimxi warajja…
**Għax xi jkun jiswielu l-bniedem jekk jikseb id-dinja kollha u mbagħad jitlef ħajtu?"**

## Mulej Agħmilni Ħabib ma' Kulħadd – Guglielmo Volpi

Mulej, agħmilni ħabib ma' kulħadd.
Agħmel li persunti tnissel fiduċja
f'min qed ibati u jħossu mdejjaq;
f'min qed ifittex id-dawl
għax jinsab 'il bogħod minnek;
f'min jixtieq jibda jħobb u ma jafx kif;
f'min jixtieq jiftaħ qalbu u jħossu bla ħila.

Mulej, għinni ħalli ma mmurx ngħaddi
minn fejn xi ħadd b'ħarsa indifferenti,
b'qalb magħluqa, bil-pass imgħaġġel.

Mulej, għinni ħa nagħti kas mill-ewwel
ta' dawk li jkunu qrib tiegħi.
Għinni nagħraf lil dawk li jkunu mħassbin
u mħawdin. Agħmel li nħoss hekk li nasal
biex inserrħilhom qalbhom.

Mulej, eħlisni minni nnifsi,
biex inkun nista' nservik,
biex inkun nista' nħobbok,
biex jirnexxili nisimgħek
f'kull wieħed minn ħuti
li inti tlaqqagħni miegħu.



Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.





**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**
**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**
www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola

SAY IT!
www.sayitmalta.com
32, Tarxien rd Paola
YOUTHEME

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web





**Promozzjoni**

Issa tista' tirreklama fuq
Aħbar **Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ
kull ġimgħa u jitqassam
fil-parroċċi kollha
ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100
jew ibgħatilna email fuq
info@sayitmalta.com


AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.

mediacentre YOUTHEME FOUNDATION